MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-19 ta' Awwissu, 2011

Numru. 968/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Jonathan Camilleri**

**Illum, 19 ta’ Awissu 2011**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Jonathan Camilleri, ta’ 30 sena, iben Joseph u Joyce nee Barbara imwieled il-Pieta nhar is-26 ta’ Ottubru 1980 u residenti fil-fond numru 9 Triq l-Assunta Marsa u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 15481(M).

Akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda u cioe talli:

1. Flimkien ma' persuni ohra f'dawn il-gzejer matul ix-xhur ta' qabel it-18 ta' Awissu 2011 f'hinjiet ta' matul il-lejl, ikkommetta serq ta' diesel fuel liema serq hu kwalifikat bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar a detriment ta' Charles Azzopardi u/jew pseruni ohra;

2. u aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija mill-Qorti ta' Malta u liema sentenza hija datata 20 ta' Mejju 2010 u hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-artikoli 49, 261(c)(f)(g), 267, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet
ta'Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma dni l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 261(c)(f)(g), 267, 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammisjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' erbgha (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------